MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2007

Appell Kriminali Numru. 322/2007

Il-Pulizija
(Spt. J. Mifsud)
(Spt. A. Portelli)
Vs
Christopher Scerri

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli, nhar it-12 ta’ Settembru, 2007, gewwa Haz-Zebug, Malta, ghall-habta tal-5.00 a.m., kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta’ provvizorja mposti mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta mill-Magistrat Dr. S. Demicoli LL.D fil-31 t’Awissu, 2006, fuq depozitu ta’ LM1,000 u garanzija personali ta’ LM3,000, liema kundizzjonijiet gew mibdula mill-istess Qorti fil-31 ta’ Jannar, 2007, u sussegwentement mibdula fis-17 t’Awissu, 2007, kif ukoll kundizzjonijiet li gew moghtija mill-Magistrat Dr. C. Scerri Herrera LL.D fit-28 ta’ Dicembru, 2004, fuq depozitu ta’ LM250 u garanzija personali ta’ LM5,000, f’dan illi kien

barra mir-residenza tieghu kontra l-limitazzjonijiet imposti f'dawn id-digrieti w dan bi ksur tal-artikolu 579(2) tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-14 ta' Settembru, 2007, li biha, wara li rat l-artikolu 579(2) tal-Kapitolu 12 (Sic!) tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati w ikkundannatu ghal piena ta' xahrejn prigunerija, mill-liema perjodu jitnaqqas dak diga' skontat taht arrest preventiv.
Inoltre, l-Qorti wara li rat l-artikolu 579(3) ibid irrevokat il-beneficcju tal-helsien mill-arrest, koncess lill-appellant permezz tad-digrieti, kif modifikati hawn fuq u msemmija w annessi ma' dawn l-atti, u ordnat l-arrest mill-gdid tal-istess appellant.
Fl-ahharnett ordnat li l-atti kollha flimkien ma' din is-sentenza tingieb a konjizzjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) kif preseduta in konnessjoni maz-zewg kazijiet pendenti fil-konfront tal-appellant, sabiex din il-Qorti tiddeciedi dwar it-telfien o meno tad-depozitu w garanzija personali moghtija lill-appellant.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-26 ta' Settembru, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka w tannulla s-sentenza appellata w tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni, htija w piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' :- Illi l-appellant jikkoncedi illi l-artikolu 579 (2) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta indikat fil-parti dispozittiva tas-sentenza appellata huwa *lapsus calami* jew ahjar *lapsus computetri* , pero' l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi kif ukoll interpretazzjoni zbaljata tal-ligi f' dak li jirigwarda l-prova tal-identita' tad-Digrieti esebiti (Sic!). Illi mil-verbal tal-udjenza tat-13 ta' Settembru, (2007) jirrizulta li d-Digrieti esebiti kellhom ikunu konfermati skond il-ligi fi stadju ulterjuri, liema konferma

baqghet ma saritx kif jirrizulta mill-istess atti w l-Qorti kienet gibdet l-attenzjoni tal-Prosekuzzjoi ghal dan in-nuqqas waqt is-sottomissjonijiet fi tmiem l-istess seduta. Illi trid issir analogija mal-mod kif issir il-prova tal-identita' ghal dak li jikkoncerna l-addebitu tar-recidiva u ma giex pruvat li Christopher Scerri indkat fid-Digrieti esebiti kien l-istes appellant u ghalhekk din il-prova hija totalment mankanti. Fit-tieni lok lanqas ma gie pruvat sodisfacentement x' kienu l-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest vigenti fid-data tal-allegat ksur u cioe' fit-12 ta' Settembru, 2007 . Infatti d-Digrieti esebiti huma wiehed tal-31 ta' Dicembru, 2004 u l-iehor tas-17 t' Awwissu, 2007 u ghalhekk minn imkien ma jirrizulta x' kienu l-kondizzjonijiet fit-12 ta' Settembru, 2007, li hija d-data tal-akkuzi .

Semghet l-Ispettur Prosekutur Anthony Portelli;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi jikkoncedi x' jikkoncedi l-appellant dwar l-izball li ttiehed mill-Ewwel Qorti meta giet biex ticcita l-artikolu tal-ligi li tahtu kienet qed issib htija, huwa fatt li l-Ewwel Qorti erronjament iccitat artikolu ta' Kapitolu tal-Ligijiet ta' Malta hazin ghax minnflok iccitat il-Kapitolu 9, cioe' l-Kodici Kriminali, ccitat il-Kapitolu 12 u cioe' l-Kodici tal-Organizzazzjoni w Procedura Civili.

Illi dan skond gurisprudena ormai stabilita jgib in-nullita' tas-sentenza appellata w ghalkemm ma hemm ebda aggravju dwar dan fir-rikors tal-appell, din il-Qorti “ex officio” ma tistax thalli dan l-izball ghaddej qiesu ma kien xejn u - tikkonferma, tvarja jew tirrevoka sentenza appellata li tkun nulla ghax ticcita Kapitolu tal-ligi zbaljat bi ksur ta' dak li jiddisponi l-artikolu 382 tal-Kap. 9. Dan l-izball jammonta ghal nuqqas ta’ formalita’ sostanzjali li jwassal ghan-nullita’ tas-sentenza appellata w l-Qorti tal-Appell ghandha tannulla w thassar dik is-sentenza w tisma l-kawza mill-gdid fil-mertu. (Ara App. Krim. **“Il-Pulizija vs. Joseph Muscat**” [10.6.94] , **“Il-Pulizija vs.**

**Anthony Zahra "** [26.5.94]; **"Il-Pulizija vs. Charles Micallef"** [23.6.1995] u ohrajn.)

Ghalhekk fl-ewwel lok il-Qorti qed tannulla s-sentenza appellata w, wara li rat il-provi traskritti w semghet lill-Ispettur Prosekutur Portelli, ser tghaddi biex terga tiddeciedi l-kawza fil-mertu w tikkonsidra l-aggravji tal-appellant bhala sottomissjonijiet in difeza.

Ikkonsidrat;

Illi dan l-appell jiskaturixxi minn emenda recenti fil-Kodici Kriminali introdotta bl-Att XVI tas-sena 2006, fejn fl-artikolu 579 (2) gie krejat ghall-ewwel darba r-reat ta' min jonqos milli jhares xi wahda mil-kondizzjonijiet imposti mill-qorti fid-digriet taghha li bih taghti l-helsien mil-arrest taht garanzija, reat punibbli bil-piena tal-multa jew ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux aktar minn sitt xhur, jew bil-multa w prigunerija flimkien. Inoltre skond is-subartikolu (3) tal-istess artikolu, l-Prosekuzzjoni tista' ukoll fl-istess procediment titlob ir-revoka tal-helsien mill-arrest u l-arrest mill-gdid ta' dik il-persuna.

Illi l-fatti li taw lok ghall-kawza ser jigu ri-epilogati fis-sunt segwenti. Fl-ewwel lok quddiem l-Ewwel Qorti l-ufficjali Prosekuturi, Spetturi Anthony Portelli w Josric Mifsud kienu dehru w halfu il-prezentata tar-rapport fejn, *inter alia,* kkonfermaw bil-gurament li Christopher Scerri ta' 29 sena, iben Ronald u Grace nee' Micallef , imwieled Pieta' , nhar il-11 ta' Settembru, 1978 li joqghod Plot 12 , flat 2, Triq Hal Mula , Zebbug u li hu detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 419778M kien kiser il-kondizzjonijiet tal-liberta' provizorja mposti mill-Qorti tal-Magistrati f' zewg kawzi, wahda fil-Qorti preseduta mil-Magistrat Dr. Saviour Demicoli, fil-31 t' Awwissu, 2006, liema kondizzjonijiet kienu gew mibdula mill-istes Qorti fil-31 ta' Jannar, 2007 u sussegwentement mibdula fis-17 ' Awwissu, 2007, kif ukoll li kiser il-kondizzjonijijet moghtija mill-Qorti preseduta mill-Magistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera fit-28 ta' Dicembru, 2004. Gie ukoll konfermat bil-gurament li l-ksur kien jikkonsisti filli l-appellant kien barra mir-residenza

tieghu kontra l-limitazzjoniijiet imposti f' dawn id-digrieti. (Ara fols.1A u 2 u l-verbal a fol. 3 tal-process). Giet esebita l-fedina penali ta' Christopher Scerri, bl-istess konnotati hlief ghall-indirizz. (Fol. 5)

A fol. 6 u 7 giet esebita vera kopja fotostatika awtentikata mid-Deputat Registratur Joyce Agius tal-kondizzjonijiet tal-beneficcju tal-helsien mill-arrest moghti mill-Magistrat Scerri Herrera  b' Digriet tat-28 ta' Dicembru, 2004, fil-kawza "Il-Pulizija - Spettur Josric Mifsud - vs. Christopher Scerri" fejn *inter alia* fil-kundizzjoni numru tlieta (3) jinghid li Christopher Scerri irid "***jirtira gewwa d-dar fejn joqghod mhux izjed tard mit-8.00 ta' filghaxija u ma johrogx minn hemm gew mhux aktar kmieni mis-6.00 ta' filghodu ta' l-ghada. Il-hinijiet ta' filghodu ma japplikawx ghall-gurnata tas-sibt stante n-natura tax-xoghol tal-istess imputat."***

A fol-8, 9 u 10 tal-process gew umbaghad esebiti veri kopji fotostatici awtentikati mid-Deputat Registratur Robert Bugeja, tad-Digriet tal-ghoti tal-liberta' provizorja lil Christopher Scerri mill-Magistrat Dr. Saviour Demicoli fil-31 t' Awwissu, 2006 fil-kawza "Il-Pulizija - Spettur Anthony Portelli u Spettur Alfred Mallia- vs. Christopher Scerri" kif ukoll vera kopja awtentikata  tal-verbali tal-prime note tal-udjenza tal-31 ta' Jannar,2007 , fejn kienet giet varjata il-klawsola numru sitta, kif ukoll verbal tal-prime note tal-udjenza tas-17 t' Awwissu, 2007 fl-istess kawza "Il-Pulizija - Spettur Anthony Portelli u Spettur Alfred Mallia- vs. Christopher Scerri".  Minn dawn id-dokumenti awtentikati jirrizulta li originarjament Christopher Scerri kellu kundizzjoni numru sitta (6) li *"jirtira gewwa d-dar fejn joqghod mhux izjed tard mis-7.30pm ta' filghaxija u ma johrogx minn hemm qabel id-9 00am. ta' filghodu tal-ghada"* Din il-kundizzjoni mbaghad giet varjata bid-Digriet tal-31 ta' Jannar , 2007 (Fol. 11 u 12) u finalment b' dak tas-17 t' Awwissu, 2007 li kien jipprovdi li l-imputat kellu *"jirtira gewwa d-dar fejn joqghod mhux izjed tard mid-9.00 ta' filghaxijia u ma johrogx minn hemm qabel is-7.30am ta' filghodu ta' l-ghada u li, tenut kont tan-natura tax-xoghol tal-imputat, meta l-imputat ikun xoghol ta' bil-lejl fuq tqassim ta' gazzetti bl-uzu ta' wahda mill-vetturi li*

*ghandhom rispettivament ir-Registration Number CBJ-578 u DBO- 828, m' hemmx obbligu ta' rinkazar."*

Sakemm tingieb prova kuntrarja jidher li ghalhekk il-hinijiet tar-rinkazar li kellu josserva Christopher Scerri kienu regolati mid-Digriet tal-Magistrat Dr. Scerri Herrera tat-28 ta' Dicembru, 2004 fil-kawza fejn l-ufficjal prosekutur kien l-Ispettur Mifsud u mid-digriet tas-17 t' Awwissu, 2007 fil-kawza fejn l-ufficjal Prosekutur kien l-Ispettur Portelli.

Mix-xiehda traskritta ta' **PS 403 JAMES GRECH** u ta' **WPC 187 GRAZIELLA MUSCAT** jirrizulta b' mod inkontestat li hekk kif dawn iz-zewg membri tal-Korp tal-Pulizija dahlu l-ghassa ta' Haz-Zebbug biex jibdew ix-xoghol taghhom ghall-*first watch*, fit-12 ta' Settembru, 2007, (jum tal-Erbgha), fil-5.00am. dahlet telefonata anonima fejn lehen ta' mara irraportat li kien hemm vettura suspettuza b' xi nies go fiha pparkjatha go Triq l-Isqof Francesco Saverio Caruana, hdejn van Transit. Iz-zewg pulizija hargu minnufieh mill-ghassa w marru bil-car fuq il-post fejn waslu xi zewg minuti jew tlieta wara l-5am u, kif waslu hdejn it-Transit, raw Toyota Pick-Up ta' kulur oskur, jirriversja bis-sahha minn wara t-Transit u jidhol go Triq Dun Mikiel Scerri. Hawn beda insegwiment twil xi 2.4 kilometri madwar diversi toroq taz-Zebbug bil-Pick-Up tigri b' velocita' qawwija u bla ma tieqaf fuq Stop Signs fit-toroq tar-rahal u bil-car li fiha kien hemm iz-zewg pulizija issegwi bil-*beacon* mixghul u tpaqpaq il-horn. PS Grech, li sadattant kien gharaf lil Christopher Scerri bhala d-driver tal-Pick-Up, ghajjat ripetutament : "*Chris ieqaf."* L-insegwiment baqa' sejjer sa barra r-rahal u meta l-Pick-Up f' hin minnhom habat ma' hajt tas-sejjiegh, il-Pulizija rmexxiela timblukkalu t-triq u hargu mill-car kif ghamel l-istess appellant Scerri li kien isuq. Kien hemm zewg irgiel ohra fil-Pick-Up li pero' ma ghamlu xejn, ghajr li bdew juzaw il-mobile phones taghhom kontra l-ordni li tawhom il-Pulizija. Issejjhet l-assistenza tal-membri tal-Mobile Squad u meta dawn waslu fuq il-post u saret tfittxija fil-Pick-Up, instabu par kalzetti fuq kull naha fil-pockets li kien hemm fiz-zewg bibien tax-xufier u tal-passiggier, *T-Shirt* hamra fuq id-*dashboard* u hadida ta' jack fuq is-seat ta' wara tal-Pick-Up. L-insegwiment kien dam xi hames

minuti u dan bejn il-5.05 u 5.10am. Ma kien hemm ebda gazzetti fil-Pick-Up u fil-vicinanzi ta' fejn kien ipparkjat il-Pick-Up go Triq l-Isqof Francesco Saverio Caruana ma kienx hemm hwienet li jbieghu il-gazzetti. Pero' rrizulta li kien jghix hemm xih wahdu.

Illi minn dawn il-provi ghalhekk jirrizulta bhala fatt li Christopher Scerri kien barra mid-dar tar-residenza tieghu f' hin li mhux suppost kemm fid-Digriet moghti fil-kawza preseduta mill-Magistrat Scerri Herrera kif ukoll fil-kawza preseduta mill-Magistrat Saviour Demicoli. Ma rrizultax li kien barra dak il-hin biex iqassam xi gazzetti. Ma kienetx gurnata tas-Sibt u l-Hadd. Oltre dan il-prezenza tal-appellant f' Pick-Up ma zewg irgiel ohra, b' kalzetti fil-pockets tal-bibien ta' quddiem, *jack* fuq is-seat ta' wara, w l-harba b' velocita' qawwija minn fuq il-post bi ksur tar-regolamenti tat-traffiku appena Scerri ra l-Pulizija, zgur li tissuggerixxi motivi sinistri w ferm suspettuzi ghall-prezenza tieghu f' dak il-post f' dak il-hin, li ma gie spjegat b' ebda mod mill-appellant jew id-difensuri tieghu. Di fatti l-appellant ghazel - kif del resto kellu dritt li jaghmel- li ma jirrispondi ghall-ebda domanda li saritlu fl-interrogatorju tieghu (fols.13 u 14) u ghazel ukoll li ma jixhidx quddiem l-Ewwel Qorti.

Di fatti d-difiza qed takkampa l-linja difensjonali fuq punti legalistici aktar minn fuq punti ta' fatt.

L-ewwel linja difensjonali hija li d-dokumenti esebiti mhux awtentikati jew ma gewx konfermati fi stadju ulterjuri kif gie verbalizzat fl-udjenza tat-13 ta' Settembru, 2007. Din is-sottomissjoni hija ghal kollox infondata ghax kif gja intqal f' din is-sentenza id-diversi digrieti u verbali fejn inghatat il-liberta' provizorja jew fejn gew varjati l-kondizzjonijiet tal-ghoti tal-helsien mill-arrest fiz-zewg kawzi l-ohra kontra l-appellant odjern huma kollha veri kopji fotostatici li jgibu l-firma tad-Deputat Registratur tal-Awla minn fejn gew moghtija. Ghalhekk zgur li ma hemmx kwistjoni li dawn huma domumenti awtentici li jaghmlu prova shiha tal-kontenut taghhom.

It-tieni linja difensjonali hija li ma saritx il-prova tal-identita' w cioe' li ma giex pruvat li l-appellant odjern Christopher Scerri huwa l-istess persuna li qed jigi processat fiz-zewg kawzi msemmija. L-appellant pero' qed jinsa jew konvenjentement jinjora l-fatt li z-zewg spetturi prosekuturi w cioe Josric Mifsud u Anthony Portelli, meta ghamlu l-prezentata, halfu w kkonfermaw bil-gurament li d-Digrieti w varjazzjonijiet taghhom sussegwenti esebiti kienu jirriferu ghall-appellant odjern fil-kawzi rispetivament prosegwiti minnhom stess. Ghalhekk prova aqwa li Christopher Scerri appellant f' din il-kawza huwa l-istess wiehed li dawn iz-zewg spetturi kienu qed jipprosegwixxu f' dawk il-kawzi ma jistax ikun hemm. Huwa inkoncepibbli li zewg spetturi joqghodu jiehdu l-briga li jressqu quddiem Qorti persuna akkuzata bil-ksur tal-kondizzjonijiet tal-liberta' provizorja li tkun differenti minn dik li kontra taghha jkunu qed imexxu kawza ohra.

Fil-waqt li biex jigu evitati incidenti ta' kavillar zejjed bhal kif qed isir f'dan il-kaz u ohrajn li pprecedewh, hu rakkomandabbli li kawzi bhal din jingiebu possibilment quddiem l-istess Magistrat li jkun qed jippresjedi fil-kompilazzjoni jew kawza in kwistjoni w, fejn dan ma jkunx possibbli, li jigu temporanjament alligati l-atti tal-istess kumpilazzjoni jew kawza, ghalkemm dan igib diffikultajiet ukoll, il-prova tal-identita' tal-persuna akkuzata tista' ssir b' kull mezz li jwassal biex jissodisfa lill-gudikant sal-grad tac-certezza morali w f' dan il-kaz saret proprju bl-att tal-prezentata konfermat bil-gurament tal-istess spetturi li kienu qed jipprosegwixxu z-zewg kazi l-ohra kontra l-appellant rispettivament.

L-argument tad-difiza li ghandha ssir analogija mat-tip ta' prova rikjesta biex tigi pruvata r-recidiva ma jreggix. Ibda biex illum gie ritenut li biex tigi stabilita' l-identita' tal-persuna akkuzata bl-addebitu tar-recidiva, ma hemmx bzonn li jitla' xhud tal-identita' u f' certi kazi ikun bizzejjed li jitqabblu l-konnotati w l-generalita' tal-persuna li tkun, specjalment fejn illum kull persuna ghandha numru tal-karta tal-identita' uniku w rrepetibbli (ara App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Carmela Spiteri"** [18.3.2004] ). Fit-tieni lok l-analogija ma tapplikax ghax fil-waqt li hafna drabi fejn

tinghata l-akkuza tal-addebitu tar-recidiva, din tkun qed issir minn Spettur Prosekutur differenti, f' dan il-kaz l-akkuza odjerna saret proprju miz-zewg spetturi li kienu qed jipprosegwixxu rispettivament l-kawzi l-ohra kontra l-appellant u ghalhekk l-appellant kien kjarament u manifestament maghruf minnhom.

Ghalhekk anki din il-linja difensjonali hija bla bazi.

Fl-ahhar nett l-appellant jargumenta li ma ngabitx il-prova ta' liema kienu il-kondizzjonijiet tal-helsien mill-arrest vigenti fid-data tal-allegat ksur u cioe' fit-12 ta' Settembru, 2007. Din il-Qorti gja kellha okkazzjoni li tippronunzja ruha dwar sottomissjonijiet simili fis-sentenzi taghha fl-Appelli Kriminali **"Il-Pulizija vs Michel Abou Haidar"** [9.8. 2007] u **"Il-Pulizija vs. Lorainne Vella** [20.9.2007], fejn gie ritenut li bl-esebizzjoni tad-digrieti originali, tad-digrieti ghall-varjzzjoni w bl-esebizzjoni tal-verbal rilevanti w relattivi, l-Prosekuzzjoni altru milli tkun ppruvat liema kienu d-Digrieti relattivi w rilevanti.  Jekk ma kienx hemm digrieti ohra, l-Prosekuzzjoni ma setghetx taghmel prova negattiva. Jekk id-difiza riedet tipprova li kien hemm xi digriet iehor li seta' jinfluwixxi fuq il-kwistjoni, dejjem setghet tressaq prova ta' dan imma minn dan ma ghamlet xejn. Ghalhekk din is-sottomissjoni  jidher li hija bbazata biss fuq kongettura jew illazzjoni mressqa mid-difiza w xejn aktar.

Ghalhekk din il-Qorti hija konvinta sal-grad tac-certezza morali li l-appellant kiser kemm il-kondizzjonijiet ghall-ghoti tal-helsien mill-arrest imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta mill-Magistrat Dr. C. Scerri Herrera fil-kawza **"Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud) vs. Christopher Scerri"** kif ukoll dik preseduta mill-Magistrat Dr. S. Demicoli fil-kawza **"Il-Pulizija (Spetturi Anthony Portelli u Alfred Mallia) vs. Christopher Scerri"** w li dan il-ksur bic-cirkjostanzi ferm suspettuzi fuq deskritti kien ta' konsegwenza ferm serja

Ghal dawn il-motivi, prevja d-decizjoni li s-sentenza appellata hija nulla kif fuq intqal, din il-Qorti qed tiddeciedi l-kawza mill-gdid fuq il-mertu w wara li rat l-artikolu 579 (2)

u (3) tal-Kodici Kriminali (Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta ) qed tiddikjara lill-appellant Christopher Scerri hati tal-akkuza dedotta kontra tieghu w tikkundannah ghall-xaharejn prigunerija - li minnhom irid jitnaqqas kull periodu li ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni **biss** ma din l-akkuza - u inoltre tilqa' t-talba tal-Prosekuzzjoni ghar-revoka tad-Digrieti rispettivi ghall-helsien mill-arrest kif sussegwentement varjati kif fuq intqal, fil-proceduri kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-kawzi "**Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud) vs. Christopher Scerri "** [Magistrat Dr. C. Scerri Herrera] u **"Il-Pulizija (Spetturi Anthony Portelli u Alfred Mallia) vs. Christopher Scerri"** [Magistrat Dr. S. Demicoli] u qed tordna l-arrest mil-gdid tal-istess Christopher Scerri ghall-fini taz-zewg processi rispettivi.

Finalment tordna li vera kopja awtentikata tal-atti ta' din il-kawza w ta' din is-sentenza jigu trasmessi a kura tad-Deputat Registratur lill-Qrati tal-Magistrati (Malta) li qed jisimghu w jittrattaw iz-zewg kawzi kontra l-appellant fuq imsemmija sabiex dawk il-Qrati jiddeciedu dwar it-telfien o meno tad-depoziti w garanziji personali rispettivi maghmula w moghtija mill-appellant f' dawk iz-zewg kawzi meta kien ottjena il-helsien mil-arrest.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------